31995R2458

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2458/95
tad-19 ta' Ottubru 1995
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni, kif emendati l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1739/93 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, hu meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawk ir-regolamenti jgħoddu wkoll għal kull nomenklatura oħra li kollha kemm hi jew parti minnha tkun bażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni oħra magħha u li tkun stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jkunu applikati t-tariffi u miżuri oħra dwar negozju f'oġġetti;

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti msemmija fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa mar-Regolament preżenti għandha tkun klassifikata taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet preskritti fil-kolonna 3;

Billi hu aċċettat li informazzjoni li torbot tat-tariffa maħruġa minn awtoritajiet doganali ta' Stati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 (6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunit' [3], għal perjodu ta' tliet xhur missid:

Billi t-taqsima dwar in-nomenklatura ta' tariffi u statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tatx opinjon fil-limitu ta' żmien preskritt mill-president tagħha ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda annessa issa huma klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 ta' l-iskeda msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 (6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur..

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(1) ĠU Nru L 256, 7. 9. 1987, p. 1.
(2) ĠU Nru L 167, 21. 7. 1995, p. 7.
(3) ĠU Nru L 302, 19. 10. 1992, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 19 ta' Ottubru 1995.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kodiċi ta' klassifikazzjoni fin-NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
Għata maħsub biex jitwaħħal mal-mili tas-sedili ta' quddiem u ta' wara, u- oqfsa ta' karrozzi, magħmula kif ġej: — qiegħ ta' sedil bil-wiċċ ta' barra magħmul minn tessut sintetiku (poliester) u plastik (PVC). Ġewwa jkun hemm virga tal-metall flessibbli; — qiegħ ta' sedil bil-wiċċ ta' barra magħmul biċċa l-kbira minn tessut sintetiku (poliester) u plastik (PVC). Ġewwa jkun hemm: — tejps b'qafliet tal-plastik, — ċineg tal-lastiku — vireg tal-metal flessibbli. — għata ta' fejn tistrieħ ir-ras bil-parti l-kbira tal-wiċċ ta' barra magħmula minn tessut sintetiku (*polyester*), u plastik (PVC). It-tessut ikun infurrat b'folja rqiqa ta' plastik ċellulari mgħottija b'xibka tal-poliamide u l-plastik ikun infurrat b'tessut ta' l-akriliku.	9401 90 80	Il-klassifikazzjoni tkun determinata mid-disposizzjonijiet tar-regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet 9401, 9401 90 u 9401 90 80 tan-NM. Dan l-għata għandu jitqies bħala parti mis-sedili tal-kodiċi 9401 tan-NM.